II

(Atti mhux leġislattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/68/UE

tat-22 ta' Ottubru 2010

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE dwar it-tagħmir marittimu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha,

Billi:

(1) Għall-finijiet tad-Direttiva 96/98/KE, il-konvenzjonijiet internazzjonali u l-istandards tal-ittestjar għandhom japplikaw fil-verżjonijiet aġġornati tagħhom.

(2) Peress li l-emendi għall-konvenzjonijiet internazzjonali u l-istandards applikabbli tal-ittestjar daħlu fis-seħħ fis-6 ta' April 2009, id-data li fiha ġiet emendata l-aħħar id-Direttiva 96/98/KE, għal finijiet ta' ċarezza dawn l-emendi għandhom jiġu inkorporati f'dik id-Direttiva.

(3) L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni adottaw standards, fosthom standards dettaljati tal-ittestjar għal għadd ta' oġġetti ta' tagħmir li huma elenkati fl-Anness A.2 għad-Direttiva 96/98/KE jew li, għalkemm mhux elenkati jitqiesu rilevanti għall-għanijiet tad-Direttiva msemmija. Għalhekk oġġetti ta' tagħmir bħal dawn għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.1 jew ittrasferiti mill-Anness A.2 għall-Anness A.1, kif xieraq.

(4) Għalhekk, id-Direttiva 96/98/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Vapuri (COSS),

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness A għad-Direttiva 96/98/KE għandu jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Fejn tagħmir elenkat bħala "oġġett ġdid" fil-kolonna 1 tal-Anness A.1 jew li ġie trasferit mill-Anness A.2 għall-Anness A.1 u ġie manifatturat qabel id-data msemmija fl-Artikolu 3(1) skont il-proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip diġà fis-seħħ qabel dik id-data fit-territorju ta' Stat Membru, tagħmir bħal dan jista' jitqiegħed fis-suq u abbord bastiment Komunitarju matul is-sentejn ta' wara d-data msemmija.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-10 ta' Diċembru 2011, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu f'konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-10 ta' Diċembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-hin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

[1] ĠU L 46, 17.2.1997, p. 25.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS A

Lista ta' akronimi użati

A.1, Emenda 1 li tikkonċerna d-Dokumenti Standard minbarra dawk tal-IMO.

A.2, Emenda 2 li tikkonċerna d-Dokumenti Standard minbarra dawk tal-IMO.

AC, Rettifika ta' Emenda li tikkonċerna d-Dokumenti Standard minbarra dawk tal-IMO.

CAT, Kategorija għat-tagħmir tar-radar kif iddefinit fit-taqsima 1.3 tal-IEC 62388 (2007).

Circ., Ċirkolari.

COLREG, International Regulations for Preventing Collisions at Sea - Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kolliżjonijiet fuq il-Baħar.

COMSAR, IMO's Sub-Committee on Radiocommunications and Search and Rescue - Is-Sottokumitat tal-IMO dwar ir-Radjukomunikazzjoni u t-Tiftix u s-Salvataġġ.

EN, European Standard – Standard Ewropew.

ETSI, European Telecommunication Standardisation Institute - Istitut Ewropew għall-Istandardizzazzjoni tat-Telekomunikazzjoni

FSS, International Code for Fire Safety Systems – Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza min-Nirien.

FTP, International Code for Application of Fire Test Procedures– Kodiċi Internazzjonali għall-Proċeduri tat-Testjar tan-Nirien.

HSC, High Speed Craft Code – il-Kodiċi għall-Inġeniji b'Veloċità Għolja.

IBC, International Bulk Chemical Code – Il-Kodiċi Internazzjonali għat-Trasport ta' Volumi Kbar ta' Kimika.

ICAO, International Civil Aviation Organisation - Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili.

IEC, International Electro-technical Commission – Il-Kummissjoni Elettro-teknika Internazzjonali.

IMO, International Maritime Organisation. - Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

ISO, International Standardisation Organisation - Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni.

ITU, International Telecommunication Union - Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni.

LSA, Life Saving Appliance - Attrezzaturi għas-Salvataġġ tal-Ħajja.

MARPOL, International Convention for the Prevention of Pollution from Ships.- il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti.

MEPC, Marine Environment Protection Committee – il-Kumitat għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar.

MSC, Maritime Safety Committee – Il-Kumitat għas-Sikurezza Marittima.

NO_x, Ossidi tan-Nitroġenu.

SOLAS, International Convention for the Safety of Life at Sea.- il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sikurezza tal-Ħajja fuq il-Baħar,

SO_x, Ossidi tal-Kubrit.

Reg., Regolament.

Res., Riżoluzzjoni.

ANNESS A.1

IT-TAGĦMIR LI GĦALIH JEŻISTU DIĠÀ STANDARDS DETTALJATI TA' TTESTJAR FI STRUMENTI INTERNAZZJONALI

Noti applikabbli għall-Anness A.1 kollu

(a) Ġenerali: Minbarra l-istandards tat-testjar speċifikament imsemmija, għadd ta' dispożizzjonijiet, li għandhom jiġu ververifikati waqt l-eżami tat-tip (approvazzjoni tat-tip) kif imsemmi fil-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità fl-Anness B, għandhom jinsabu fir-rekwiżiti applikabbli tal-konvenzjonijiet internazzjonali u r-riżoluzzjonijiet rilevanti u ċ-ċirkolari tal-IMO.

(b) Kolonna 1: L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/26/KE [1] jista' japplika.

(c) Kolonna 5: Meta jiġu ċitati Riżoluzzjonijiet tal-IMO, huma biss l-istandards tat-testijiet li jinsabu fil-partijiet rilevanti tal-Annessi tar-Riżoluzzjonijet li huma applikabbli u jeskludu d-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet infushom.

(d) Kolonna 5: Il-konvenzjonijiet internazzjonali u l-istandards tat-testjar japplikaw fil-verżjoni aġġornata tagħhom. Bil-għan li jiġu identifikati tajjeb l-istandards rilevanti, ir-rapporti tat-test, iċ-ċertifikati tal-konformità u d-dikjarazzjonijiet tal-konformità għandhom jidentifikaw l-istandard speċifiku tat-testjar applikat u l-verżjoni tiegħu.

(e) Kolonna 5: Fejn żewġ settijiet ta' standards ta' identifikazzjoni jkunu separati b"jew', kull sett jissodisfa r-rekwiżiti ta' ttestjar kollha sabiex jissodisfa l-Istandards ta' Prestazzjoni tal-IMO; għalhekk l-ittestjar ta' wieħed minn dawn is-settijiet huwa biżżejjed biex juri konformità mar-rekwiżiti tal-Istrumenti Internazzjonali rilevanti. Min-naħa l-oħra, meta jintużaw separaturi oħra (virgoli) ir-referenzi kollha elenkati japplikaw.

(f) Kolonna 6: Meta jidher il-modulu H, għandu jinftiehem il-modulu H u ċ-ċertifikat tal-eżami tad-disinn.

(g) Ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-anness għandhom ikunu bla ħsara għar-rekwiżiti tal-ġarr fil-konvenzjonijiet internazzjonali.

1. **Attrezzaturi għas-salvataġġ tal-ħajja**

Noti li japplikaw għat-taqsima 1: Apparat għas-salvataġġ tal-ħajja.

Kolonna 4: Iċ-Ċirkolari 980/IMO MSC għandha tapplika minbarra fejn jieħdu l-preċedenza l-istrumenti speċifiċi msemmija fil-Kolonna 4.

Nru	Id-denominazzjoni tal-oġġett	Ir-Regolament tas-SOLAS 74 fejn 'l-approvazzjoni tat-tip' hija meħtieġa	Ir-Regolamenti tas-SOLAS 74, u r-riżoluzzjonijiet u ċ-ċirkulari rilevanti tal-IMO, kif applikabbli	Standards tal-ittestjar	Moduli għal valutazzjoni tal-konformità
1	2	3	4	5	6
A.1/1.1	Salvawomi	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/7, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, II, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.2	Dwal li jindikaw il-pożizzjoni tal apparat ta' salvataġġ (a) għall-inġenji tas-salvataġġ u d-dgħajjes ta' rkupru, (b) għas-salvawomi, (c) għal-ġkieket tas-salvataġġ.	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/7, — Reg. III/22, — Reg. III/26, — Reg III/32, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) II, IV, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70)	B + D B + E B + F

[1] ĠU L 113, 6.5.2009, p.1.

1	2	3	4	5	6
A.1/1.3	Salvawomi, sinjali bid-dħaħen attivati awtomatikament	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/7, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, II, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.4	Ġkieket tas-salvataġġ	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/7, — Reg. III/22, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, II, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 8, — IMO MSC/Circ.922.	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.5	Tuti tal-immersjoni u tuti ta' protezzjoni kontra l-esponiment mhux klassifikati bħala ġkieket tas-salvataġġ — Bl-insulazzjoni jew mingħajrha.	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/7, — Reg. III/22, — Reg. III/32, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, II, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.6	Tuti tal-immersjoni u tuti ta' protezzjoni kontra l-esponiment klassifikati bħala ġkieket tas-salvataġġ: — Bl-insulazzjoni jew mingħajrha.	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/7, — Reg. III/22, — Reg. III/32, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, II, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.7	Aċċessorji termali protettiv	— Reg. III/4, — Reg. X/3	— Reg. III/22, — Reg. III/32, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, II, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/1.8	Flers tal-paraxut li jittellgħu bir-rokit (pirotekniċi)	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/6, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, III, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.9	Flers tal-idejn (pirotekniċi)	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, III, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.10	Sinjali tad-duħħan f'wiċċ l-ilma (pirotekniċi)	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, III,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.11	Tagħmir li jitfa' l-ħbula	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/18, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VII, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.12	Ċattri tas-salvataġġ li jintnefħu	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/13, — Reg. III/21, — Reg. III/26, — Reg. III/31, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 8, — IMO MSC/Circ.811.	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.13	Ċattri tas-salvataġġ riġidi	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/21, — Reg. III/26, — Reg. III/31, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 8, — IMO MSC/Circ.811.	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.1006.	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/1.14	Ċattri tas-salvataġġ li jiddrittaw lilhom infushom	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/26, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC 48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 8, — IMO MSC/Circ.809 inkluża Add.1, — IMO MSC/Circ.811.	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.809 inkluża Add.1.	B + D B + E B + F
A.1/1.15	Ċattri tas-salvataġġ, riversibbli bit-tinda	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/26, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 8, — IMO MSC/Circ.809 inkluża Add.1, — IMO MSC/Circ.811.	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.809 inkluża Add.1.	B + D B + E B + F
A.1/1.16	Apparat li jeħles iċ-ċattri fl-ilma awtomatikament (unitajiet ta' rilaxx idrostatiku)	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/13, — Reg. III/26, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 8, — IMO MSC/Circ.811.	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.17	Dgħajjes tas-salvataġġ	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/21, — Reg. III/31, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.1006.	B + D B + F G
A.1/1.18	Dgħajjes ta'rkupru riġidi	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/21, — Reg. III/31, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, V, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.1006.	B + D B + F G

1	2	3	4	5	6
A.1/1.19	Dgħajjes ta' rkupru li jintnefħu	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/21, — Reg. III/31, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, V, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70), — ISO 15372 (2000).	B + D B + F G
A.1/1.20	Dgħajjes veloċi ta' rkupru	— Reg. III/4.	— Reg. III/26, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I,V, — IMO MSC/Circ.809 inkluża Add.1, — IMO MSC/Circ.1016, — IMO MSC/Circ.1094.	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.1006, — ISO 15372 (2000).	B + D B + F G
A.1/1.21	Tagħmir għall-varar bit-twaqqigħ (davits)	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/23, — Reg. III/33, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VI, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F G
A.1/1.22	Tagħmir li jeħles l-inġenji ta' salvataġġ awtomatikament	Trasferiti għal-A.2/1.3			
A.1/1.23	Tagħmir għall-varar tad-dgħajjes ta' salvataġġ	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/16, — Reg. III/23, — Reg. III/33, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VI, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F G
A.1/1.24	Tagħmir għall-varar taċ-ċattri tas-salvataġġ (Davits)	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/12, — Reg. III/16, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VI, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F G

1	2	3	4	5	6
A.1/1.25	Tagħmir għall-varar ta' dgħajjes veloċi ta' rkupru (Davits)	— Reg. III/4.	— Reg. III/26, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VI, — IMO MSC/Circ.809 inkluża Add.1.	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F G
A.1/1.26	Mekkaniżmu għarilaxx ta' (a) Dgħajjes tas-salvataġġ u dgħajjes ta' rkupru u (b) Ċattri tas-salvataġġ Varati bit-twaqqigħ	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/16, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(LSA Code) I, IV, VI, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.27	Sistemi ta' evakwazzjoni fuq il-baħar	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/15, — Reg. III/26, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VI, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + F G
A.1/1.28	Mezzi ta' salvataġġ	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/26, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VI, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.810.	B + D B + F
A.1/1.29 Irreferi għannota b) ta' dan l-Anness A.1	Slielem għall-imbark	— Reg. III/4, — Reg. III/11, — Reg. X/3.	— Reg. III/11, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)-(Kodiċi HSC tal-1994), — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA), — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000)	— IMO Res. MSC.81(70), — ISO 5489 (2008).	B + D B + F
A.1/1.30	Materjal li jirrifletti lura	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. A.658(16).	B + D B + E B + F
A.1/1.31	Apparat bidirezzjonali VHF radiotelephone għall-inġenji tas-salvataġġ.	Trasferiti għal A.1/5.17 u A.1/5.18			

1	2	3	4	5	6
A.1/1.32	9 GHz SAR transponder (SART)	Ittrasferit għal A.1/4.18.			
A.1/1.33	Riflekter tar-Radar għad-dgħajjes tas-salvataġġ u dawk ta' rkupru	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, V, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 8, — IMO Res. MSC.164(78).	— EN ISO 8729 (1998).	B + D B + E B + F
A.1/1.34	Boxxla għad-dgħajjes tas-salvataġġ u dawk ta' rkupru	Ittrasferit għal A.1/4.23.			
A.1/1.35	Tagħmir li jista' jinġarr għat-tifi tan-nar għad-dgħajjes tas-salvataġġ u dawk ta' rkupru	Ittrasferit għal A.1/3.38.			
A.1/1.36	Magni għall-propulsjoni tad-dgħajjes tas-salvataġġ/irkupru	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, V.	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.37	Magni għall-propulsjoni tad-dgħajjes tal-irkupru - Outboard	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) V.	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.38	Fanali tat-tiftix biex jintużaw fid-dgħajjes tas-salvataġġ u dawk ta' rkupru	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, V, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F
A.1/1.39	Ċattri tas-salvataġġ, riversibbli miftuħa	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— IMO Res. MSC.36(63)-(Kodiċi HSC tal-1994) 8, Anness 10, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8, Anness 11.	— IMO Res. MSC.36(63)-(Kodiċi HSC tal-1994) Anness 10, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) Anness 11,	B + D B + F
A.1/1.40	Parank mekkaniku għall-imbark tal-pilota	Ittrasferit għal A.1/4.48.			
A.1/1.41	Wiċċijiet għall-inġenji tas-salvataġġ u d-dgħajjes ta' rkupru	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/16, — Reg. III/17, — Reg. III/23, — Reg. III/24, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, VI, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70).	B + D B + E B + F G

1	2	3	4	5	6
A.1/1.42	Sellum għall-pilota	Ittrasferit għal A.1/4.49.			
A.1/1.43 Oġġett ġdid	Dgħajjes tal-irkupru riġidi/li jintnefħu	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/21, — Reg. III/31, — Reg. III/34, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, V, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— IMO Res. MSC.81(70), — IMO MSC/Circ.1006. — ISO 15372 (2000)	B + D B + F G

2. **Prevenzjoni tat-tniġġiż tal-baħar**

Nru	Id-denominazzjoni tal-oġġett	Ir-Regolament tal-MARPOL 73/78 fejn 'l-approvazzjoni tat-tip' hija meħtieġa	Ir-Regolamenti tal-MARPOL 73/78, u r-riżoluzzjonijiet u ċ-ċirkulari tal-IMO rilevanti, kif applikabbli	Standards tal-ittestjar	Moduli għal valutazzjoni tal-konformità
1	2	3	4	5	6
A.1/2.1	Tagħmir għall-iffiltrar taż-żejt (għal kontenut ta' -żejt tal-fluss skartat li ma jaqbiżx il-15 p.p.m.)	— Anness I, Reg 14.	— Anness I, Reg. 14, — IMO MEPC.1/Circ.643.	— IMO Res. MEPC.107(49), — IMO MEPC.1/Circ.643.	B + D B + E B + F
A.1/2.2	Diteketers tal-interfejż bejn żejt/ilma	— Anness I, Reg 32.	— Anness I, Reg 32.	— IMO Res. MEPC.5(XIII)	B + D B + E B + F
A.1/2.3	Miters tal-kontenut taż-żejt	— Anness I, Reg 14.	— Anness I, Reg. 14, — IMO MEPC.1/Circ.643.	— IMO Res. MEPC.107(49), — IMO MEPC.1/Circ.643.	B + D B + E B + F
A.1/2.4	Unitajiet ta' proċessar intenzjonati biex jitwaħħlu ma' tagħmir eżistenti għas-separazzjoni ta' ilma żejtni (tal-kontenut taż-żejt tal-fluss skartat li ma jaqbiżx il-15 p.p.m.)	Spazju mħalli vojt apposta			
A.1/2.5	Sistema għall-monitoraġġ u l-kontroll tar-rilaxx taż-żejt mit-tankers taż-żejt	— Anness I, Reg 31.	— Anness I, Reg. 31.	— IMO Res. MEPC.108(49)	B + D B + E B + F
A.1/2.6	Sistemi ta' dranaġġ	— Anness IV, Reg. 9,	— Anness IV, Reg. 9,	— IMO Res. MEPC.159(55)	B + D B + E B + F
A.1/2.7	Inċineraturi ta' abbord	— Anness VI, Reg. 16,	— Anness VI, Reg.16.	— IMO Res. MEPC.76(40)	B + D B + E B + F G

1	2	3	4	5	6
A.1/2.8 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Tagħmir abbord għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tal-livelli tan-NO_x	— Anness VI, Reg. 13, — Kodiċi Tekniku NO_x, — IMO Res. MEPC.177(58)	— Anness VI, Reg. 13, — Kodiċi Tekniku NO_x, — IMO Res. MEPC.177(58), — IMO MEPC.1/Circ.638.	— IMO Res. MEPC.103(49), — IMO Res. MEPC.177(58)	B + D B + E B + F G
A.1/2.9 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Metodi teknoloġiċi oħra għal-limitazzjoni tal-emissjonijiet SO_x	— Anness VI, Reg. 14,	— Anness VI, Reg. 14,	— IMO Res. MEPC.170(57)	B + D B + E B + F G

3. **Tagħmir għall-protezzjoni min-nirien**

Nru	Id-denominazzjoni tal-oġġett	Ir-Regolament tas-SOLAS 74 fejn 'l-approvazzjoni tat-tip' hija meħtieġa	Ir-Regolamenti tas-SOLAS 74, u r-riżoluzzjonijiet u ċ-ċirkulari rilevanti tal-IMO, kif applikabbli	Standards tal-ittestjar	Moduli għal valutazzjoni tal-konformità
1	2	3	4	5	6
A.1/3.1	Il-kopertura primarja tal-gverta	— Reg. II-2/4, — Reg. II-2/6, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/4, — Reg. II-2/6, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP), Anness 1, Parti 2 u Parti 6 jew Anness 2, — IMO MSC/Circ.1102, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.2	Estinturi tan-nar li jinġarru	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 4.	— Reg. II-2/4, — Reg. II-2/10, — Reg. II-2/19, — Reg. II-2/20, — IMO Res. A.951(23), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 4. — IMO MSC/Circ.1239, — IMO MSC/Circ.1275.	— EN 3-6 (1995) inkluża A.1 (1999), — EN 3-7 (2004) inkluża A.1 (2007), — EN 3-8 (2006) inkluża AC (2007), — EN 3-9 (2006) inkluża AC (2007).	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.3	Ilbies għat-tifi tan-nar: Ilbies protettiv (ilbies għal qrib in-nar)	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	Ilbies protettiv għat-tifi tan-nar: — EN 469 (2005) inklużi A1(2006) u AC (2006) Ilbies protettiv għat-tifi tan-nar – Ilbies li jirrifletti għal tifi tan-nar speċjalizzat: — EN 1486 (2007). Ilbies protettiv għat-tifi tan-nar – Ilbies protettiv li jirrifletti b'materjal tas-superfiċje li jirrifletti: — ISO 15538 (2001).	B + D B + E B + F
A.1/3.4	Ilbies għat-tifi tan-nar: stvali	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— EN ISO 20344 (2004) inkluż A1 (2007) u AC (2005), — EN ISO 20345 (2004) inkluż A1 (2007) u AC (2007).	B + D B + E B + F
A.1/3.5	Ilbies għat-tifi tan-nar: Ingwanti	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— EN 659 (2003) inkluż A1 (2008).	B + D B + E B + F
A.1/3.6	Ilbies għat-tifi tan-nar: Elmu	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— EN 443 (2008).	B + D B + E B + F
A.1/3.7	Apparat siġillat għat-teħid tan-nifs b'awtonomija ta' arja kumpressata *Nota:* Għall-użu f'aċċidenti li jinvolvu oġġetti perikoluži maskra tat-tip 'pressjoni pożittiva' tkun meħtieġa.	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— EN 136 (1998) inkluża AC (2003), — EN 137 (2006).	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.8	Tagħmir tan-nifs b'linja tal-arja kkumpressata	— Reg. X/3. — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7. *Nota:* Dan it-tagħmir jintuża biss għall-inġenji b'veloċità għolja mibnija skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi HSC tal-1994.	— IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7.	— EN 14593-1 (2005), — EN 14593-2 (2005) inkluża AC (2005), — EN 14594 (2005).	B + D B + E B + F
A.1/3.9	Komponenti tas-sistemi tat-tbexxix għall-ispazji ta' akkomodazzjoni u ta' servizz kif ukoll għall-istazzjonijiet tal-kontroll, ekwivalenti għal kif jissemma f'SOLAS 74 Reg. II-2/12 (limitat għaż-żennuni u l-prestazzjoni tagħhom). (Żennuni għal sistemi fissi tat-tbexxix, għal inġenji ta' veloċità għolja (HSC) huma inklużi taħt dan l-oġġett)	— Reg. II-2/7, — Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 8.	— Reg. II-2/7, — Reg. II-2/9, — Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.44(65), — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 8. — IMO MSC/Circ.912.	— IMO Res. A.800(19).	B + D B + E B + F
A.1/3.10 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Żennuni għal sistemi tat-tifi tan-nar permezz tal-bexx tal-ilma bi pressa fissa fl-ispazji tal-makkinarji u l-kmamar tal-pompi tal-merkanzija	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 7.	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 7.	— IMO MSC/Circ.1165, Appendiċi A.	B + D B + E B + F
A.1/3.11	Separaturi kontra n-nar tal-Klassi 'A' u 'B' (a) Separaturi tal-klassi 'A', (b) Separaturi tal-klassi 'B'.	Klassi 'A': — Reg. II-2/3.2. Klassi 'B': — Reg. II-2/3.4.	— Reg. II-2/9, u, Klassi 'A': — Reg. II-2/3.2. Klassi 'B': — Reg. II-2/3.4.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1 Parti 3 u l-Anness 2, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.12	Apparat għall-prevenzjoni tal-mogħdija tal-fjammi lejn it-tankijiet tal-merkanzija fit-tankers	— Reg. II-2/4, — Reg. II-2/16.	— Reg II-2/4, — Reg II-2/16.	— EN 12874 (2001), — ISO 15364 (2007), — IMO MSC/Circ.677.	B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.13	Materjali mhux kombustibbli	— Reg. II-2/3, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/5, — Reg. II-2/9, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 1, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.14	Materjali għajr l-azzar għall-pajpijiet li jippenetraw id-Diviżjoni tal-Klassi 'A' jew 'B"	Oġġett inkluż f'A.1/3.26 u A.1/3.27			
A.1/3.15	Materjali minbarra azzar, għall-pajpijiet taż-żejt jew taż-żejt tal-fjuwil (a) -pajpijiet u fittings, (b) valvijiet, (c) assemblaġġi ta' pajpijiet flessibbli.	— Reg. II-2/4, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/4, — IMO Res. MSC.36(63)-(Kodiċi HSC tal-1994) 7, 10, — IMO Res. MSC.97(73)-(2000 HSC Code) 7, 10, — IMO MSC/Circ.1120.	— IMO Res. A.753(18), — ISO 15540 (1999) inkluż il-Corrigendum 1 (1999), — ISO 15541 (1999).	B + D B + E B + F
A.1/3.16	Bibien kontra n-nar	— Reg. II-2/9.	— Reg. II-2/9.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 3, — IMO MSC/Circ.1120, — IMO MSC.1/Circ.1273.	B + D B + E B + F
A.1/3.17	Komponenti ta' sistemi ta' kontroll għall-bibien kontra n-nar *Nota:* Meta jintuża t-terminu 'komponenti ta' sistema' fil-kolonna 2, jista' jkun li komponent wieħed, grupp ta' komponenti jew sistema shiħa jeħtieġ li jiġu ttestjati sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-istandards internazzjonali.	— Reg. II-2/9, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/9, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 4.	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.18	Materjali tal-uċuh u l-kisi tal-art b'karatterstiċi kontra t-tixrid tal-fjammi (a) fuljetta dekorattiva (b) sistemi ta' żebgħa, (c) kisi għall-art, (d) kisi għall-insulazzjoni tal-pajpijiet, (e) Adeżivi li jintużaw fil-bini tad-diviżjonijiet tal-klassi 'A' 'B' u 'C', (f) kanali kombustibbli.	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/5, — Reg. II-2/6, — Reg. II-2/9, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/5, — Reg. II-2/6, — Reg. II-2/9, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO MSC/Circ.1120.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP), Anness 1, Parti 2 u Parti 5, jew Anness 2, — IMO MSC/Circ.1120, — ISO 1716 (2002). *Nota:* Fejn il-materjal tas-superfiċje għandu jkollu ċertu valur kalorifiku massimu, dan għandu jitkejjel skont l-ISO1716	B + D B + E B + F
A.1/3.19	Drappijiet, purtieri u materjali tessili mdendlin oħra u membrani	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/9, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/9, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 7, — IMO MSC/Circ.1102, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.20	Għamara tapezzata	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/5, — Reg. II-2/9, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/5, — Reg. II-2/9, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 8, — IMO MSC/Circ.1102, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.21	Komponenti tas-sodod	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/9, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/3, — Reg. II-2/9, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 9, — IMO MSC/Circ.1102, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.22	Dampers kontra n-nar	— Reg. II-2/9.	— Reg. II-2/9.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 3, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.23	Penetrazzjonijiet ta' kanali li mhumiex kombustibbli, mid-diviżjonijiet tal-klassi 'A'	Ittrasferit għal A.1/3.26.			

1	2	3	4	5	6
A.1/3.24	Mogħdijiet għall-kejbils tal-elettriku mid-diviżjonijiet tal-klassi 'A'	Ittrasferit għal A.1/3.26.			
A.1/3.25	Twieqi u aperturi tal-ġenb tal-klassi 'A' u 'B' reżistenti għan-nar	— Reg. II-2/9.	— Reg. II-2/9, — IMO MSC/Circ.847, — IMO MSC/Circ.1120.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 3, — IMO MSC/Circ.1120, — IMO MSC.1/Circ.1203.	B + D B + E B + F
A.1/3.26	Penetrazzjonijiet għal ġewwa diviżjonijiet tal-klassi 'A' (a) mogħdijiet għall-kejbils tal-elettriku, (b) penetrazzjonijiet ta' pajpijiet, kanali, trunkijiet.	— Reg. II-2/9.	— Reg. II-2/9, — IMO MSC.1/Circ.1276.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 3, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.27	Penetrazzjonijiet għal ġewwa diviżjonijiet tal-klassi 'B' (a) mogħdijiet għall-kejbils tal-elettriku, (b) penetrazzjonijiet ta' pajpijiet, kanali, trunkijiet.	— Reg. II-2/9.	— Reg. II-2/9.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 3, — IMO MSC/Circ.1120.	B + D B + E B + F
A.1/3.28	Sistemi ta' tbexxix (l-iżbokki tal-bexxiexa biss). (Żennuni għal sistemi fissi tat-tbexxix, għal inġenji ta' veloċità għolja (HSC) huma inklużi skont dan l-oġġett)	— Reg. II-2/7, — Reg. II-2/10, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.44(65), — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 8. — IMO MSC/Circ.912.	— ISO 6182-1 (2004). Jew, — EN 12259-1 (1999) inklużi A1(2001), A2(2004) u A3 (2006).	B + D B + E B + F
A.1/3.29	Pajpijiet tat-tifi tan-nar	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— EN 14540 (2004) inkluża A.1(2007).	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.30	Tagħmir li jista' jinġarr għall-analiżi tal-ossiġnu u d-ditezzjoni tal-gass	— Reg. II-2/4, — Reg. VI/3.	— Reg. II-2/4, — Reg. VI/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 15.	— EN 60945 (2002), — IEC 60092-504 (2001), — IEC 60533 (1999), u, kif applikabbli, għal: a) Kategorija 1: (żona sikura): — EN 50104 (2002) inkluża A.1 (2004) Ossiġnu, — EN 60079-29-1 (2007). b) Kategorija 2: (atmosferi ta' gassijiet splussivi): — EN 50104 (2002) inkluża A.1 (2004) Ossiġnu, — EN 60079-29-1 (2007), — IEC 60079-0 (2007), — IEC 60079-1 (2007), — IEC 60079-10 (2002), — IEC 60079-11 (2006), — IEC 60079-15 (2005), — IEC 60079-26 (2006).	B + D B + E B + F
A.1/3.31	Żennuni għal sistemi fissi tat-tbexxix, għal inġenji ta' veloċità għolja (HSC)	Oġġett imneħħi peress li hu kopert minn A.1/3.9 u A.1/3.28			
A.1/3.32	Materjali li jirres-tringu n-nar (minbarra għamara) għal inġenji ta' velo-ċità għolja	— Reg. X/3.	— IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 10.	B + D B + E B + F
A.1/3.33	Materjali li jirres-tringu n-nar għall-għamara ta' inġenji b'veloċità għolja	— Reg. X/3.	— IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 10.	B + D B + E B + F
A.1/3.34	Diviżjonijiet li jirreżistu n-nar għall-inġenji b'veloċità għolja	— Reg. X/3.	— IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 11.	B + D B + E B + F
A.1/3.35	Bibien kontra n-nar għall-inġenji b'veloċità għolja	— Reg. X/3.	— IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 11.	B + D B + E B + F
A.1/3.36	Dampers kontra n-nar fuq inġenji b'veloċità għolja	— Reg. X/3.	— IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO MSC/Circ.1120.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 11.	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.37	Penetrazzjonijiet minn ġewwa diviżjonijiet li jirreżistu n-nar għall-inġenji b'veloċità għolja (a) mogħdijiet għall-kejbils tal-elettriku, (b) penetrazzjonijiet ta' pajpijiet, kanali, trunkijiet.	— Reg. X/3.	— IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 11.	B + D B + E B + F
A.1/3.38	Tagħmir li jista' jinġarr għat-tifi tan-nar għad-dgħajjes tas-salvataġġ u dawk ta' rkupru	— Reg. III/4, — Reg. X/3.	— Reg. III/34, — IMO Res. A.951(23), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 8, — IMO Res. MSC.48(66)-(Kodiċi LSA) I, IV, V, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 8,	— EN 3-6 (1995) inkluża A1 (1999), — EN 3-7 (2004) inkluża A1 (2007), — EN 3-8 (2006) inkluża AC (2007).	B + D B + E B + F
A.1/3.39	Żennuni għal sistemi tat-tifi tan-nar permezz tal-bexx ta' raxx tal-ilma fl-ispazji tal-makkinarji u l-kmamar tal-pompi tal-merkanzija	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 7.	— IMO MSC/Circ.1165.	B + D B + E B + F
A.1/3.40	Sistemi tad-dawl għall-installazzjoni fil-baxx (komponenti biss)	— Reg. II-2/13, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 11.	— Reg. II-2/13, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 11.	— IMO Res. A.752(18). Jew, — ISO 15370 (2001).	B + D B + E B + F
A.1/3.41	Apparat għan-nifs għall- evakwazzjoni ta' emerġenza	— Reg. II-2/13.	— Reg. II-2/13, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3. — IMO MSC/Circ.849.	— EN 402(2003), — EN 1146(2005), — EN 13794(2002), — ISO 23269-1 (2008).	B + D B + E B + F
A.1/3.42	Komponenti ta' sistemi b'gassijiet mhux reattivi	— Reg. II-2/4.	— Reg. II-2/4, — IMO Res. A.567(14), — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 15. — IMO MSC/Circ.353, — IMO MSC/Circ.387, — IMO MSC/Circ.485, — IMO MSC/Circ.731, — IMO MSC/Circ.1120.	— IMO MSC/Circ.353, — IMO MSC/Circ.387, — IMO MSC/Circ.450 Rev.1, — IMO MSC/Circ.485, — IMO MSC/Circ.731.	B + D B + E B + F G

1	2	3	4	5	6
A.1/3.43	Żennuni għal sistemi tat-tifi tan-nar fuq tagħmir tal-qali fix-xaħmijiet (awtomatiċi jew manwali).	— Reg. II-2/1, — Reg. II-2/10, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/1, — Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— ISO 15371 (2009).	B + D B + E B + F
A.1/3.44	Ilbies għat-tifi tan-nar - linja tas-salvataġġ	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	— IMO Res. MSC.61(67)-(Kodiċi FTP) Anness 1, Parti 1, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 3.	B + D B + E B + F
A.1/3.45	Komponenti ekwivalenti għal sistemi fissi tat-tifi tan-nar (mezz tat-tifi tan-nar, valvijiet tal-blokka, u żennuni) għall-ispazji tal-makkinarju u kmamar tal-pompi tal-merkanzija	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 5.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 5. — IMO MSC/Circ.848, — IMO MSC.1/Circ.1317.	— IMO MSC/Circ.848, — IMO MSC.1/Circ.1317.	B + D B + E B + F
A.1/3.46	Sistemi fissi ekwivalenti tat-tifi tan-nar għall-ispazji tal-makkinarju (sistemi tal-erosol)	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 5.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 5. — IMO MSC.1/Circ.1317.	— IMO MSC.1/Circ.1270.	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.47	Konċentrat għal sistemi fissi tat-tifi tan-nar bir-ragħwa ta' espansjoni għolja għall-ispazji tal-Makkinarju u l-Kmamar tal-pompi tal-merkanzija *Nota:* Is-sistemi fissi għat-tifi tan-nar bir-raġwa ta' espansjoni għolja (inklużi dawk is-sistemi li jużaw l-arja interna mill-ispazji tax-xogħol tagħhom għall-prestazzjoni tagħhom), għall-ispazji tal-makkinarju u l-kmamar tal-pompi tal-merkanzija xorta jridu jiġu ttestjati bil-konċentrat approvat għas-sodisfazzjoni tal-Amministrazzjoni.	— Reg. II-2/10.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 6 — IMO MSC.1/Circ.1239.	— IMO MSC/Circ.670.	B + D B + E B + F
A.1/3.48	Komponenti ta' sistemi tat-tifi tan-nar bl-ilma, fissi u għall-applikazzjoni lokali għall-użu fl-ispazji tal-makkinarju tal-kategorija 'A' (Testijiet fuq l-iżbokki u fuq ir-rendiment)	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— IMO MSC/Circ.913, — IMO MSC.1/Circ.1276.	B + D B + E B + F
A.1/3.49 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Żennuni għal sistemi fissi tat-tifi tan-nar abbażi tal-ilma għal spazji ro-ro u spazji ta' kategoriji speċjali, ekwivalenti għal dawk imsemmija fir-riżoluzzjoni A.123(V)	— Reg. II-2/19, — Reg. II-2/20, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 7.	— Reg. II-2/19, — Reg. II-2/20, — IMO Res. A.123(V), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 7.	— IMO MSC.1/Circ.1272.	B + D B + E B + F
A.1/3.50	Ilbies protettiv reżistenti għall-attakki kimiċi	Trasferiti għal-A.2/3.9			

1	2	3	4	5	6
A.1/3.51	Komponenti ta' sistemi fissi għad-ditezzjoni u l-allarm fil-każ ta' nar għall-istazzjonijiet ta' kontroll, l-ispazji ta' servizz, ta' akkomodazzjoni, gallariji tal-kabini u tal-makkinarju, kif ukoll tal-makkinarju mhux mgħasses	— Reg. II-2/7, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 9.	— Reg. II-2/7, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 9. — IMO MSC.1/Circ.1242.	Tagħmir ta' kontroll u ta' indikazzjoni. Installazzjonijiet elettriċi fuq il-bastimenti: — EN 54-2 (1997) inklużi AC(1999) u A1(2006). Tagħmir tal-provvista tal-elettriku: — EN 54-4 (1997) inklużi AC(1999), A1(2002) u A2(2006). Ditekters tas-sħana – Point detectors: — EN 54-5 (2000) inkluża A1(2002). Ditekters tad-duħħan – point detectors li jużaw raġġi tad-dawl diffużi, dawl trażmess jew il-jonizzazzjoni: — EN 54-7 (2000) inklużi A1(2002) u A2(2006). Ditekters tal-fjammi – Point detectors: — EN 54-10 (2002) inkluża A1(2005). Punti tas-sejħa manwali: — EN 54-11 (2001) inkluża A1(2005). U, kif applikabbli, installazzjonijiet elettriċi u elettroniċi fil-bastimenti: — IEC 60092-504 (2001), — IEC 60533 (1999).	B + D B + E B + F
A.1/3.52	Tagħmir li ma jistax jinġarr u jiġi trasportat tat-tifi tan-nar	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 4.	— Reg. II-2/4, — Reg. II-2/10, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 4.	— EN 1866(2005), — EN 1866-1 (2007). Jew, — ISO 11601 (2008).	B + D B + E B + F
A.1/3.53	Tagħmir ta' allarm	— Reg. II-2/7, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 9.	— Reg. II-2/7, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 7, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 9.	Allarmi akustiċi — EN 54-3 (2001) inklużi A1(2002) u A2(2006), — IEC 60092-504 (2001), — IEC 60533 (1999).	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.54	Tagħmir fiss għall-analiżi tal-ossiġnu u d-ditezzjoni tal-gass	— Reg. II-2/4, — Reg. VI/3.	— Reg. II-2/4, — Reg. VI/3, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 15.	— EN 60945(2002), — IEC 60092-504 (2001), — IEC 60533 (1999), u, kif applikabbli, għal: a) Kategorija 4: (żona sikura) — EN 50104 (2002) inkluża A.1 2004 Ossiġnu. b) Kategorija 3: (atmosferi ta' gassijiet splussivi) — EN 50104 (2002) inkluża A.1 2004 Ossiġnu, — EN 60079-29-1 (2007).	B + D B + E B + F
A.1/3.55 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Żennuni b'żewġ tipi ta' bexx (tip sprej/ġett)	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 7, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 7,	— EN 15182-1 (2007), — EN 15182-3 (2007).	B + D B + E B + F
A.1/3.56 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	pajpijiet tat-tifi tan-nar (tat-tip bir-rukkell)	— Reg. II-2/10, — Reg. X/3.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.36(63)-(Kodiċi HSC tal-1994), — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000)	— EN 671-1 (2001) inkluża AC (2002).	B + D B + E B + F
A.1/3.57 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Komponenti ta' Sistemi fissi għat-Tifi tan-Nar permezz ta' Raġwa b'Espansjoni Medja - Raġwa Fissa fuq il-Gverta għat-Tankers	— Reg. II-2/10.	— Reg. II-2/10.8.1, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 14. — IMO MSC.1/Circ.1239, — IMO MSC.1/Circ.1276.	— IMO MSC/Circ.798.	B + D B + E B + F
A.1/3.58 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Komponenti ta' Sistemi fissi għat-Tifi tan-Nar permezz ta' Raġwa b'Espansjoni Baxxa għall-Ispazji tal-Makkinarju u l-Protezzjoni tal-Gverta tat-Tankers	— Reg. II-2/10.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 6, 14, — IMO MSC.1/Circ.1239, — IMO MSC.1/Circ.1276.	— IMO MSC.1/Circ.1312.	B + D B + E B + F
A.1/3.59 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Raġwa li tespandi għal Sistemi Fissi tat-Tifi tan-Nar għal Tankers tal-Kimika	— IMO Res. MSC.4(48)-(Kodiċi IBC).	— IMO Res. MSC.4(48)-(Kodiċi IBC).	— IMO MSC/Circ.553, — IMO MSC.1/Circ.1312.	B + D B + E B + F
A.1/3.60 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Żennuni għal sistemi tat-tifi tan-nar permezz tal-bexx tal-ilma bi pressa fissa għall-gallariji tal-kabini	— Reg. II-2/10.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 7.	— IMO MSC.1/Circ.1268.	B + D B + E B + F

1	2	3	4	5	6
A.1/3.61 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Sistemi bl-arja interna bir-raġħwa ta' espansjoni għolja għall-protezzjoni ta' spazji tal-makkinarju u kmamar tal-pompi tal-merkanzija *Nota:* Sistemi bl-arja interna tal-espansjoni għolja tar-raġħwa għall-protezzjoni ta' spazji tal-makkinarju u kmamar tal-pompi tal-merkanzija għandhom jiġu ttestjati bil-konċentrat approvat għas-sodisfazzjoni tal-Amministrazzjoni..	— Reg. II-2/10.	— Reg. II-2/10, — IMO Res. MSC.98(73)-(Kodiċi FSS) 6.	— IMO MSC.1/Circ.1271.	B + D B + E B + F

4. **Tagħmir tan-navigazzjoni**

Noti li japplikaw għat-taqsima 4: Tagħmir għan-navigazzjoni.

Kolonna 5: Kull meta ssir referenza għas-serje EN 61162 jew għas-serje IEC 61162, titħieħed inkunsiderazzjoni l-iskema tal-oġġett maħsub biex jiġi ddeterminat l-istandard applikabbli tas-serje EN 61162 jew tas-serje IEC 61162.

Nru	Id-denominazzjoni tal-oġġett	Ir-Regolament tas-SOLAS 74 fejn 'l-approvazzjoni tat-tip' hija meħtieġa	Ir-Regolamenti tas-SOLAS 74, u r-riżoluzzjonijiet u ċ-ċirkulari rilevanti tal-IMO, kif applikabbli	Standards tal-ittestjar	Moduli għal valutazzjoni tal-konformità
1	2	3	4	5	6
A.1/4.1	Kumpass manjetiku	— Reg. V/18.	— Reg. V/19, — IMO Res. A.382(X), — IMO Res. A.694(17),	— ISO 1069 (1973), — ISO 25862 (2009), — EN 60945 (2002). Jew, — ISO 1069 (1973), — ISO 25862 (2009), — IEC 60945 (2002).	B + D B + E B + F G
A.1/4.2	Tagħmir għar-rotta li jittrażmetti THD (metodu manjetiku)	— Reg. V/18, — Reg. V/19, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 13,	— Reg. V/19, — IMO Res. A.694(17), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 13, — IMO Res. MSC.116(73), — IMO Res. MSC.191(79).	— EN 60945(2002), — Is-serje EN 61162; — ISO 22090-2 (2004), inkluż il-Corrigendum 2005, — EN 62288 (2008). Jew, — IEC 60945 (2002), — is-serje IEC 61162. — ISO 22090-2 (2004), inkluż il-Corrigendum 2005. — IEC 62288 Ed.1.0(2008).	B + D B + E B + F G

1	2	3	4	5	6
A.1/4.3	Kumpass ġiroskopiku	— Reg. V/18.	— Reg. V/19, — IMO Res. A.424(XI), — IMO Res. A.694(17), — IMO Res. MSC.191(79).	— EN ISO 8728 (1998), — EN 60945(2002), — is-serje EN 61162, — EN 62288 (2008). Jew, — ISO 8728 (1997), — IEC 60945 (2002), — is-serje IEC 61162, — IEC 62288 Ed.1.0(2008).	B + D B + E B + F G
A.1/4.4	Tagħmir tar-radar	Trasferiti għal A.1/4.34, A.1/4.35 u A.1/4.36			
A.1/4.5	Tagħmir għall-ipplottjar awtomatiku bir-radar	Ittrasferit għal A.1/4.34.			
A.1/4.6	Tagħmir għall-kejl permezz tal-eku	— Reg. V/18, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 13,	— Reg. V/19, — IMO Res. A.224(VII), — IMO Res. A.694(17), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.74(69) Anness 4, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 13, — IMO Res. MSC.191(79).	— EN ISO 9875 (2001) inkluż Corrigendum Tekniku tal-ISO 1: 2006, — EN 60945(2002), — is-serje EN 61162, — EN 62288 (2008). Jew, — ISO 9875 (2000) inkluż il-Corrigendum Tekniku tal-ISO 1: 2006, — IEC 60945 (2002), — is-serje IEC 61162, — IEC 62288 Ed.1.0(2008).	B + D B + E B + F G
A.1/4.7	Tagħmir għall-kejl tal-veloċità u tad-distanza (SDME)	— Reg. V/18, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 13,	— Reg. V/19, — IMO Res. A.694(17), — IMO Res. A.824(19), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.96(72), — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 13, — IMO Res. MSC.191(79).	— EN 60945(2002), — EN 61023(2007), — is-serje EN 61162, — EN 62288 (2008). Jew, — IEC 60945 (2002), — IEC 61023 (2007), — is-serje IEC 61162, — IEC 62288 Ed.1.0(2008).	B + D B + E B + F G
A.1/4.8	Angolu tat-tmun, rpm, indikatur tal-inklinazzjoni (pitch)	Trasferiti għal A.1/4.20, A.1/4.21 u A.1/4.22			

1	2	3	4	5	6
A.1/4.9 Irreferi għan-nota b) ta' dan l-Anness A.1	Indikatur tal-ikkwartjar	— Reg. V/18, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 13,	— Reg. V/19, — IMO Res. A.526(13), — IMO Res. A.694(17), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 13, — IMO Res. MSC.191(79).	— EN 60945(2002), — is-serje EN 61162, — ISO 20672 (2007), — EN 62288 (2008). Jew, — IEC 60945 (2002), — is-serje IEC 61162, — ISO 20672 (2007), — IEC 62288 Ed.1.0(2008).	B + D B + E B + F G
A.1/4.10	Apparat li jsib id-direzzjoni	Spazju mħalli vojt apposta			
A.1/4.11	Tagħmir Loran-C	— Reg. V/18, — Reg. X/3, — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)-(Kodiċi HSC tal-2000) 13,	— Reg. V/19, — IMO Res. A.694(17), — IMO Res. A.818(19), — IMO Res. MSC.36(63)–(Kodiċi HSC tal-1994) 13, — IMO Res. MSC.97(73)–(Kodiċi HSC tal-2000) 13, — IMO Res. MSC.191(79).	— EN 60945(2002), — EN 61075(1993), — is-serje EN 61162, — EN 62288 (2008). Jew, — IEC 60945 (2002), — IEC 61075 (1991), — is-serje IEC 61162, — IEC 62288 Ed.1.0(2008).	B + D B + E B + F G
